MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 8/2011

**A. F. Ellis (Marble Works) Ltd**

**Vs**

**Loraine Saliba**

Il-Qorti;

Rat l-avviz prezentat mis-socjeta' attrici fejn talbet li l-konvenuta thallas l-ammont ta' hamest elef seba' mija u seba' ewro u wiehed u sittin ewro centezmu (€5,707.61) li minnhom, hamest elef u ewro u sitta u tmenin ewro centezmu (€5,001.86) jirrapprezentaw valur ta' pool coping, tqeghdid ta' gutters u kitchen top li saru u gew suppliti mis-socjeta' rikorrenti filwaqt illi r-rimanenti ammont ta' seba' mija u hames ewro u hamsa u sebghin ewro centezmu (€705.75) huma nteressi sal-hamsa (5) ta' Gunju 2011. Bl-interessi bl-oghla rata li tippermetti l-ligi

mis-sitta (6) ta’ Gunju 2011 sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra nterpellatorja datata tmienja (8) ta’ Frar 2011 u tal-ittra ufficjali 207/2011 datata tlieta (3) ta’ Marzu 2011.

Rat in-nota guramentata tas-socjeta’ attrici u d-dokumenti ezebiti.

Rat l-affidavit ta’ Saviour Ellis bid-dokumenti annessi; kif ukoll l-affidavit ta’ Jacqueline Ellis u l-fatturi relevanti ghax-xoghol mertu tal-kawza; u l-affidavit ta’ Joseph Ellis.

Rat ir-risposta tal-konvenuta.

Semghet ix-xhieda ta’ Francis Saliba u ta’ Benigno Saliba.

Rat il-Kapitolu pprezentat mis-socjetà attrici fil-konfront tal-konvenuta fis-27 ta’ Settembru 2012 u li l-konvenuta ma dehritx la meta gie pprezentat u lanqas illum biex tirrispondih;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bl-azzjoni odjerna s-socjeta’ attrici titlob li l-konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta’ €5,707.61 rapprezentanti l-valur ta’ materjal provdut u ta’ xoghol li sar u gew suppliti minnha fuq inkarigu taghha u ta’ zewgha, u dan kif jirrizulta mill-fatturi ezebiti u mix-xhieda prodotti.

Illi l-konvenuta ma dehritx biex tirrispondi ghall-Kapitolu pprezentat fil-konfront taghha mis-socjetà attrici u ghaldaqstant tali Kapitolu ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Il-Qorti hi ghalhekk sodisfatta li l-ammont pretiz mis-socjetà attrici huwa lilha dovut mill-konvenuta.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hamest elef seba’ mija u

seba' ewro u wiehed u sittin ewro centezmu (€5,707.61) bl-interessi bl-oghla rata li tippermetti l-ligi mis-sitta (6) ta' Gunju 2011 sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra nterpellatorja datata tmienja (8) ta' Frar 2011 u tal-ittra ufficjali 207/2011 datata tlieta (3) ta' Marzu 2011 a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------